# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Rikors Ġuramentat Numru 28/2024 SG**

**APS Bank p.l.c. (C2192)**

**Vs**

**Ryan Clifton Borg (K.I. 424893M)**

**Illum, 3 ta' Diċembru 2024**

**Il-Qorti;**

**Rat** ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-25 ta' April 2024 fejn ġie mitlub lil din il-Qorti sabiex:

1. "*Tiddikjara illi l-intimat Ryan Clifton Borg huwa debitur tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' mija u tletin elf u tnejn u sittin Ewro u hmistax-il centeżmu (€130,062.15) rappreżentanti bilanc komplessiv ta' facilitajiet ta' self moghtija lill-istess intimat mill-Bank rikorrenti in kwantu ghas-somma ta' mija u erbatax-il elf, erba' mija sebgha u ghoxrin Ewro u sebgha u ghoxrin centeżmu (€114,427.27) rappreżentanti bilanc ta' debitu relattiv ghall'Fixed Interest Rate Home Loan Account' bin-numru 4053684001 -2 u dan oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) mill-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru 2023 sad-data tal-pagament effettiv, flimkien mas-somma ta' hmistax-il efl, mitjen tnejn u tmenin Ewro u wiehed u ghoxrin centeżmu (€15,282.21) rappreżentanti bilanc ta' debitu relattiv ghall-'ICDA Loan Account' bin-numru 4053681003-8 u kif ukoll is-somma ta' tlett mija tnejn u hamsin Ewro u sebgha u sittin centeżmu*

*(€352.67) rapprezentanti bilan ta' debitu relattiv għall-'Current Account' bin-numru 4053681001-6;*

2. *Tikkundanna u tordna lill-intimat iħallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma komplessiva ta' mija u tletin elf u tnejn u sittin Ewro u ħmistax-il centeżmu (€130,062.15).*

*Bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra l-intimat, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 114/2024 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikros ġuramentat li hu minn issa ngunt in subizzjoni."*

**Rat** r-risposta ġuramentata tal-intimat li taqra:

1. "*Illi l-eccipjenti ma huwiex qed jikkontesta l-fatt illi huwa għandu jagħti l-flus lil bank attur, jew li hu ħa self min għand il-bank attur.*

2. *Illi l-eccipjenti qiegħed pero jikkontesta s-somma mitluba.*

3. *Illi l-mod kif ġew komputati l-interessi ma huwiex skond il-liġi, stante illi ma jidhirx illi l-interessi ġew komputati bħala interessi semplici.*

4. *Illi fis-somma mitluba hemm multi u charges illi l-eccepjenti qatt ma ta l-kunsens għalihom u li għalhekk ma humiex dovuti. Similment kontra dak mitlub ġew mitluba interessi fuq dawn l-istess multi li certament ma humiex dovuti.*

5. *Illi fejn ġew mitluba ħlasijiet ta' charges u multi għas-semplici raġuni li ma sarx il-ħlas tar-repayments, dawn huma kontra l-liġi għaliex jeccedu r-rata massima stipulata mil-liġi jew miftehma ta' l-interessi.*

6. *Illi l-eccipjenti kien dejjem dispost iħallas somma ġusta li tirrapreżenta dak li verament hu dovut.*

7. *Illi din ir-risposta qed isisir u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament mill-konvenut Ryan Clifton Borg li għandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawża.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*"

**Rat** il-verbal tal-24 ta' Ottubru 2024;

**Rat** li din il-Qorti ntalbet tagħti sentenza ai termini ta' dak li ġie maqbul bejn il-partijiet;

**Rat** li din il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-verbal magħmul fl-24 ta' Ottubru 2024 fejn ttransiġew din il-kawża billi qablu li:

i. Il-konvenut qiegħed jammetti t-talbiet attriċi;

ii. Għandha tingħata sentenza fuq tali ammissjoni;

iii. L-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu intaxxati fuq din l-istess ammissjoni;

iv. Il-Bank attur ma jesegwix is-sentenza qabel sena minn meta tingħata s-sentenza minn din il-Qorti. F'din is-sena il-konvenut għandu jipprova jbigħ l-appartament li bih għamel it-tajjeb mal-bank privatament, u f'każ li jagħmel konvenju għall-bejgħ tiegħu għandu jgħaddih lill-Bank Attur u immedjatament jieqfu jiddekorru l-imgħaxijiet, jew sal-iskadenza tal-konvenju jew sad-data tal-għeluq tas-sena mis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti skont liema data tiġi l-ewwel.

**DECIDE**

**Għar-raġunijiet hawn fuq premessi, stante l-ammissjoni tal-intimat din il-Qorti qed tilqa' t-talbiet tal-bank rikorrenti b'dana illi qiegħda tiddikjara illi l-intimat Ryan Clifton Borg huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' mija u tletin elf u tnejn u sittin ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€130,062.15) rappreżentanti bilanċ komplessiv ta' faċilitajiet ta' self mogħtija lill-istess intimat mill-Bank Rikorrenti inkwantu għas-somma ta' mija u erbatax-il elf, erba' mija sebgħa u għoxrin ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€114,427.27) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv għall-'Fixed Interest Rate Home Loan Account' bin-numru 4053684001-2 u dan oltre l-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) mill-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru 2023 sad-data tal-pagament effettiv, flimkien mas-somma ta' ħmistax-il elf, mitejn tnejn u tmenin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€15,282.21) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv għall-'ICDA Loan Account' bin-numru 4053681003-8 u kif ukoll is-somma ta' tliet mija tnejn u ħamsin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€352.67) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv għall-'Current Account' bin-numru 4053681001-6 u tikkundanna u tordna lill-intimat iħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma komplessiva ta' mija u tletin elf u tnejn u sittin ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€130,062.15).**

**Bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra l-intimat, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 114/2024 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat odjern.**

Finalment, il-Qorti tagħmel referenza wkoll għal dak li ġie maqbul bejn il-paritjiet fis-sens li l-Bank Attur ma jesegwix din is-sentenza qabel sena minn meta tingħata s-sentenza minn din il-Qorti. F'din is-sena il-konvenut għandu jipprova jbigħ l-appartament li bih għamel it-tajjeb mal-bank privatament, u f'każ li jagħmel konvenju għall-bejgħ tiegħu għandu jgħaddih lill-Bank Attur u immedjatament jieqfu jiddekorru l-imgħaxijiet, jew sal-iskadenza tal-konvenju jew sad-data tal-għeluq tas-sena mis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti skont liema data tiġi l-ewwel.

(ft) Dr Simone Grech
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur